**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 299/2024 GG**

**Dr. Kevin Deguara (K.I. 97877M) u Dr. Jean Carl Farrugia (K.I. 244176M) ghan-nom tad-ditta legali DF Advocates**

**vs.**

**Aerospace Engineering Services Ltd (C 75422)**

**Kawza Nru: 15**

Illum 4 ta' Lulju, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Dr. Kevin Deguara et ghan-nom tad-ditta legali DF Advocates ippreżentata quddiem din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2024 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi d-ditta legali tal-esponenti, DF Advocates, provdiet lis-socjeta' intimata diversi servizzi professjonali fuq inkarigu tal-istess socjeta' intimata u dan kif deskritt u kif jirrizulta mill-fatturi annessi u mmarkati bhala **Dok. KD1 – Dok. KD2**. Apparti hekk,

l-esponenti inkorrew divesi spejjez ghan-nom tal-istess scocjeta' intimata, liema spejjez jirrizultaw wkoll fil-fatturi precitati;

2. Illi l-ammont dovut mis-socjeta' intimata ghal tali servizzi u spejjez jammonta ghas-somma kumplessiva ta' hmistax-il elf disa mija u tlieta u hamsin Ewro u sittin centezmu (€15,953.60) u dan kif jidher mir-rendikont relattiv hawn anness u mmarkat bhala **Dok KD3;**

3. Illi filwaqt li s-socjeta' intimata rrikonoxxiet il-hlas ta' dan l-ammont, hija naqset milli thallas l-istess;

4. Illi minkejja divesi interpellazzjonijiet mill-esponenti, s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghaldawstant fic-cirkostanzi l-esponenti ma kellhomx ghazla ohra hlief li jintavolaw din il-kawza;

5. Illi l-ammont fuq ndikat hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-esponenti, s-socjeta' intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida skont il-ligi x'tissoleva f'din il-kawza;

6. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenut tal-Artikolu 176 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Taqta' il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara u tiddeciei illi s-socjeta' intimata hija debitrici tal-esponenti fis-somma ta' ta' hmistax-il elf disa mija u tlieta u hamsin Ewro u sittin centezmu (€15,953.60) rapprezentanti l-hlas dovut ghas-servizzi professjonali rezi lis-socjeta' intimata u spejjez inkorsi mir-rikorrenti ghan-nom tal-istess;
3. Tikkundanna lis-scjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' hmistax-il elf disa mija u tlieta u hamsin Ewro u sittin centezmu (€15,953.60) fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjes, inkluz tal-mandat tas'sekwestru u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata, li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2024 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-25 t'April, 2024 fis-13:00;

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet finalment debitament notifikata bir-rikors gurament u bl-avviz ta' smigh u d-data ta' differiment permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fl-10 ta' Gunju, 2024;

Rat illi minkejja d-debita notifika tal-avviz ta' smigh, hadd ma deher ghas-socjeta' konvenuta ghall-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2024 sabiex jgharraf lill-Qorti jekk kellhiex xi eccezzjonijiet validi xi tressaq sabiex tikkontesta t-talbiet ghal-hlas imressqa mid-ditta rikorrenti u wisq anqas ipprezentat nota fir-registru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 sabiex tattakka l-procedura intentata bhala wahda mhux regolai jew li ma tghoddx ghal kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Avukat Dr. Jean Carl Farrugia li biha ddikjara li l-ammont pretiz ghadu dovut;

Rat l-atti kompriz id-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat:**

**1.** Illi permezz ta' dikjarazzjoni mahlufa, l-Avukat Dr. Jean Carl Farrugia ikkonferma li l-ammont mertu tal-kawza ghadu dovut salguranta tal-prezentata tal affidavit, jigifieri sat-3 ta' Lulju, 2024 li huwa l-jum li fih instemghet din il-kawza;

2. Illi s-socjeta' konvenuta qedtjitqies bhala kontumaci bin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-pretensjonijiet tad-ditta rikorrenti liema pretensjonijiet huma sodisfacentement pruvati quddiem din il-Qorti kif jirrizulta ukoll mid-dokumenti annessi fl-ammont ta' hmistax-il elf disa mija u tlieta u hamsin Ewro u sittin centezmu (€15,953.60);

3. Illi kwantu t-talba ghall-kundanna u hlas tal-imghax, s-socjeta' rikorrenti ma ressaqet ebda prova ta' interpellanza permezz ta' att gudizzjarju u ghalhekk huwa r-rikors promutur li ghandu jitqies bhala l-att gudizzjarju rikjest mil-ligi ghal-fini ta' data minn meta jiskatta l-imghax dovut u fil-kaz odjern id-data tan-notifika ghandha titiqies bhala d-data li fiha s-socjeta' konvenuta kienet interpellata sabiex thallas l-ammont pretiz;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghassentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** t-tieni u (in parti) t-tielet talba tad-ditta rikorrenti u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma ta' hmistax-il elf disa mija u tlieta u hamsin Ewro u sittin centezmu (€15,953.60) bl-imghax bit-8 fil-mija fis-sena li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors mahluf, jigifieri mil-10 ta' Gunju, 2024 sad data tal-hlas effettiv li ghandu jsir fi zmien perentorju ta' gimgha minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.

**Tichad** it-talba ghal-hlas tal-ispejjez tal-Mandat ta' Sekwestru stante li ma kien indentifikat ebda tali mandat bin-numru appozitu tieghu;

**Tordna** wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri jithallsu kollha kemm huma mis-socjeta' konvenuta.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

Nicole Cini

Deputat Reġistratur